**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Mejju 2019**

Numru 5

**Referenza Kostituzzjonali Nru. 117/2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**David Apap, Francis Apap, l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-referenza maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali dwar allegata lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni Kostituzzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza ezibita mal-atti ta' dan il-process, u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi b'rikors datat 14 ta' Frar 2017 David Apap talab lill-Qorti biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-proceduri kriminali mressqa kontra tieghu u dana ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors. Fih hu kien qal hekk:

Illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, l-esponent kien esprima b'mod informali, tramite l-avukat tieghu, l-preokkupazzjoni tieghu dwar il-fatt li l-Onorabbli Magistrat kienet sindku tal-Partit Laburista fl-istess zmien li huwa kien sindku tal-Partir Nazzjonalista.

Illi ghalkemm id-disposizzjonijiet fil-ligijiet ta' pajjizna ma jipprospettawx din ir-raguni specifikatament bhala gustifikazzjoni ghal astensjoni jew rikuza, il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti ta' Strasbourg tenniet li t-test tal-imparzjalita tal-gudikant ghandu jkun kemm oggettiv kif ukoll soggettiv.

Illi fis-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet Hauschildt vs Denmark (24/05/1989 Application 10486/83) kien intqal hekk:
Article 6(1) provides for two tests to determine whether a tribunal is impartial, The first is a subjective test which is based on the personal conviction of a particular judge in a given case. Second, is an objective test which ascertains whether the judge offered guarantees sufficient to rule out any legitimate doubt as to his impartiality. In the subjective test, the impartiality of a judge has to be presumed until proven otherwise. The objective test, on the, other hand, examines ascertainable facts which may raise doubts about a certain judge. Appearance of impartiality should lead a judge to recuse himself.

IIli fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Sandro Chetcuti et vs l-Avukat Generali et (12/07/2005) kien intqal hekk:
Anke jekk skond id-disposizzjonijiet relativi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghal rikuza anzi jista ' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista` tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu kif garantiti lilu mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Ottubru 2017 il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba ta' David Apap wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Rat ir-rikors tal-imputat tal-14 ta' Frar 2017 fejn l-imputat qed jitlob ir-rikuza tal- Magistrat sedenti peress illi "... kienet sindku tal-Partit Laburista fl-istess zmien li l-imputat kien sindku tal-Partit Nazzjonalista."

Rat l-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi r-ragunijiet li jistghu jwasslu ghar-rikuza ta' Magistrat.

Rat ukoll l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar id-dritt ghall-smiegh xieraq.

Rat ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt ghall-gudizzju minn Tribunal Imparzjali.

Rat il-gurisprudenza relattiva.

Ikkunsidrat:
Jibda biex jinghad minghajr ebda tlaqliq li t-talba tal-imputat ma taqax fil-parametri tal-ligi u dan kif ammess ukoll fl-istess rikors imressaq mill-imputat.

L-imputat jikkwota decizjoni tal-Qorti Ewropea tal-24 ta' Mejju 1989 a bazi ta’ liema ressaq it-talba tieghu kif ukoll x'intqal mill-Qorti Kostituzzjoni fil-kawza Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et fis-sentenza taghha lura fit-12 ta' Lulju 2005.

Illi jrid jinghad illi jkun ferm hafif ghall-Gudikant li kif rinfaccjat minn talba bhal dik odjerna, jahsel idejh mill-kaz li jkollu quddiemu u jirrikuza ruhu minnu. Tali atteggjament legger pero ma hux dak li trid il-ligi u jmur ukoll kontra l-gurament li kull Gudikant jiehu fil-hatra tieghu.

In oltre dan mhux l-ispirtu tal-ligi meta l-legislatur haseb ghal dawk ic-cirkostanzi li verament u tassew jimmeritaw rikuza u kien ghalhekk li elenka l-istanzi tar-rikuza.

Illi l-imputat jargumenta li l-ligi taghna giet temprata bis-sentenza minnu kwotata. Bir-rispett, kieku kien hekk il-legislatur kien jahseb ghat-tibdil li jkun mehtieg fil-ligi f’dan ir-rigward.

Illi l-possibilita ta' rikuza moghtija mil-ligi ma ghandhiex tkun pretest ghall-forum shopping kif gie sostnut diversi drabi mill-Qrati taghna.

Illi l-kawza odjern diga kienet preseduta minn zewg .gudikanti ohra u ghal ragunijiet differenti, wahda minnhom astensjoni, giet assenjata lill-Qorti kif preseduta.

Illi r-raguni migjuba mill-imputat ma kienet qatt u ma hiex bazi ta' rikuza. In oltre ma hux logiku li ghaliex Gudikant ikun okkupa kariga jew ohra ugwali ghal dik li kien jokkupa l-imputat, dan ghandu jwassal ghar-rikuza tal-istess Gudikant. Li kieku kien hekk allura kull min huwa kompetenti fil-kamp u fil-mestier tieghu jrid jitnehha minn kull Awtorita u pozizzjoni li tiggudika u tevalwa lil dawk bl-istess kompetenzi. Dan certament ma hux il-kaz.

Illi fir-rikors Kostituzzjonali numru 37/2015 fl-ismijiet Lawrence Grech et vs L-Avukat Generali et deciza fis-07 ta' Marzu 2017 intqal:
“Hemm diversi osservazzjonijiet f'dawn is-sottomissjonijiet tal-atturi li ma humiex korretti. Certament ma huwiex u ma jistax ikun il-kaz illi l-kriterju ta' imparzjalita soggettiva "jiddependi biss mill-perspettiva tal-appellanti", jew li "l-icken dubju ta' imparzjalita oggettiva min-naha tal-gudikant seta' ragonevolment jigi ppercepit mill-appellanti li ser jippregudika d-dritt ta' smigh xieraq", ghax "il-kawza hija tal-appellanti". Li tammetti dawn it-teoriji jfisser illi parti f'kawza effettivament ghandha veto fuq il-hatra ta' mhallef biex jisma' l-kaz taghha.

Ukoll, ma huwiex korrett li tghid illi, ghax imhallef ma jastjenix meta jara li parti ghandha "biza' qawwi jekk hux ser issir gustizzja", dan juri "nuqqas ta' imparzjalita oggettiva", Hija ghalhekk inkorretta l-osservazzjoni tal-atturi illi,

ghax il-parti l-ohra fil-kawza wriet "rezistenza qawwija" ghall-eccezzjoni ta' rikuza, dan huwa sinjal ta' parzjalita favur dik il-parti. Jekk eccezzjoni ta' rikuza titressaq mhux ghal ragunijiet oggettivament gustifikabbli izda ghax il-gudikant ma joghgobx lil parti, taghmel sew il-parti l-ohra li tirrezisti l-eccezzjoni.

Lanqas ma hu mmnu li, ghax gudikant ighix it-twemmin tieghu "pubblikament u b'partecipazzjoni attiva", b'hekk "jinholqu cirkostanzi dubbjuzi"; gudikant mhux bilfors ikollu jghix it-twemmin tieghu fil-katakombi biex jitqies oggettivament imparzjali".

Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, fil-kawza Avukat Dr. Samuel Azzopardi vs l-Avukat Generali et, tal- 04 ta' Lulju 2017, li kienet tittratta ukoll talba ghar-rikuza tal-Magistrat sedenti fejn il-Qorti Kostituzzjonali cahdet tali talba. F'dik il-kawza l-Qorti dahlet fid-dettal dwar l-istitut tar-rikuza. Din il-Qorti taghmel taghha l-istess principji hemm enuncjati.

Fl-istess seduta d-difensur tar-rikorrenti talab li issir referenza Kostituzzjonali fuq il-kwistjoni mhux opposta mill-prosekuzzjoni u b’hekk saret ir-referenza.

Fir-risposta tieghu l-Avukati Generali quddiem din il-Qorti wiegeb hekk:

1. Illi r-referenza kostituzzjonali odjerna skatat wara li r-rikorrent David Apap talab lil-Magistrat Dr Monica Vella tirrikuza ruhha milli tkompli tippresjedi I-kawza Il-Pulizija vs. David Apap pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali liema talba ghar-rikuza giet michuda. Ir-rikorrent qed jallega lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u I-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghaliex il-Magistrat Dr Monica Vella kienet sindku tal-Partit Laburista fl-istess zmien meta David Apap kien sindku tal-Partit Nazzjonalista.

2. Illi r-rikorrenti qieghed jaccetta li fil-kaz odjern ma hemm I-ebda lok ghal rikuza skont id-disposizzjonijiet li jirregolaw ir-rikuza ta' gudikant fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) madankollu jallega li I-gudikant li qed tisma I-proceduri kriminali mhijiex imparzjali.

3. L-esponenti jirribatti li I-kuncett ta' imparzjalita suggettiva u/jew oggettiva ta' gudikant ma tiddependix fuq I-opinjoni ta' parti f'kawza: certament li tali opinjoni mhijiex deciziva izda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq I-imparzjalita tkun gustifikata b'mod oggettiv. Dan ifisser li huwa necessarju li jkun hemm dubju legittimu dwar I-imparzjalita suggettiva u/jew oggettiva ta' gudikant naxxenti minn fatti u dan peress li I-gudikant huwa dejjem prezunt li huwa imparzjali. L-esponenti jirrileva li I-fatt fih innifsu Ii f'perjodu qabel ma persuna ssir gudikant tkun f’kariga politika dan bl-ebda mod ma jista' jigi nterpretat Ii dan ghandu jwassal ghall-imparzjalita ta' dak il-gudikant. Illi gialadarba persuna tigi mahtura bhala gudikant dik il-persuna hija prezunta li hija imparzjali u li bhala gudikant hija munita bil-garanziji kollha mehtiega sabiex tassigura s-smigh xieraq.

4. Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstema minn Qorti ndipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' intralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jigarantixxu process xieraq u smigh gust. meta persuna tigi mahtura bhala gudikant dik il-persuna hija prezunta li hija imparzjali u li bhala gudikant hija munita bil-garanziji kollha mehtiega sabiex tassigura s-smigh xieraq. Certament li l-ebda dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma huma mittiefsa bic-cahda tat-talba ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti.

5. Illi jidher evidenti li r-rikorrenti nghata l-opportunita li jaghmel l-oggezzjoni li hass li kellu jaghmel kif jirrizulta mir-rikors datat 14 ta' Frar 2017. Illi l-Magistrat sedenti rat tali oggezzjoni u tat il-pronunzjament motivat taghha u dan kif inhu rikjest mill-kariga ta' gudikant. Illi jidher ghalhekk li d-dritt ta' smigh xieraq qed jigi rispettat mill-Magistrat sedenti u dan in konformita ma' dak li huwa rikjest mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk mhemm l-ebda lezjoni ta' dawn l-artikoli

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

7. Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta’ David Apap quddiem din il-Qorti li tghid hekk:

Illi l-bazi tal-akkuzi kriminali kontra r-rikorrent huma allegazzjonijiet maghmula minn certu Joseph Cutajar.

Illi dan l-ahhar gie a konoxxenza tar-rikorrent il-fatt li, fiz-zmien meta l-Onor. Magistrat Dr Monica Vella kienet sindku, il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ma kienx oggezzjona li jsir il-Gozo Music Festival. L-approvazzjoni tal-Kunsill kienet intalbet mid-Dynamic Promotions li hija s-socjeta tal-imsemmi Joseph Cutajar.

Illi ghalkemm in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-Kunsill kien suggett ghall-perrnessi tal-awtoritajiet kompetenti, jidher li l-Festival sar minghajr dawn il-perrnessi tant li tali kontroversja giet anke rappurtata fil-media.

Illi l-esponent jissottometti bl-akbar rispett li dan l-episodju, u episodji ohra simili konnessi ma' dan Joseph Cutajar, huma raguni ulterjuri ghaliex il-kawza fl-ismijiet premessi ma ghandhiex tigi mismugha u deciza mill-Onor. Magistrat Dr Monica Vella.

Daqstant ghandu x'jissottometti ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Talba**

Illi din ir-referenza kostituzzjonali skattat wara li r-rikorrent David Apap talab lil-Magistrat Dr Monica Vella tirrikuza ruhha milli tkompli tippresjedi l-kawza Il-Pulizija vs David Apap pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati liema talba ghar-rikuza giet michuda.

F'dawn il-proceduri r-rikorrent qed jallega lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Hu jghid li l-fatt li l-Magistrat Dr Monica Vella kienet sindku ta' Partit ghandha llum tiggudika sindku ta' Partit oppost huwa preokkupanti mhux biss mill-aspett soggettiv izda wkoll mill-aspett oggettiv. In oltre l-Magistrat Vella ma oggezzjonatx ghal permess 'kontroversjali' favur persuna li qed taghmel l-allegazzjonijiet li fuqhom huwa esklussivament imsejjes il-kaz kriminali kontra r-rikorrenti.

**Kontestazzjoni**

L-Avukat Generali wiegeb li l-ebda dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma gie mittiefsa bic-cahda tat-talba ghar-rikuza tal-Magistrat sedenti.

**L-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jeskludix ragunijiet ohra ghar-rikuza/astensjoni ta' gudikant**

Illi l-Qorti referenti fid-digriet taghha, fost ir-ragunijiet li tat ghac-cahda tat-talba ta' David Apap, semmiet li l-imputat jargumenta li l-ligi taghna giet temprata bis-sentenza minnu kwotata. Bir-rispett, kieku kien hekk il-legislatur kien jahseb ghat-tibdil li jkun mehtieg fil-ligi f'dan ir-rigward.

Hemm qbil li t-talba tal-imputat ma taqax fil-parametri tal-ligi ta' procedura li kienet tintitola lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant (Art. 734) izda l-kwistjoni ma tieqafx hemm imma l-parametri ta' dik il-ligi ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxu s-smigh xieraq.

Issir hawnhekk referenza ghall-kawza kostituzzjonali **Malta Freeport Terminals Ltd vs Avukat Generali** (31/01/2019) li siltet parti mis-sentenza fl-ismijiet Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et (12/07/2005) fejn qalet:

> Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall-rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-individwu bil-konsegwenza li dawn tal-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96). Kwindi anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rikuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalita` ta' gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata rrimedju opportun.

**Astensjoni/rikuza**

Il-ligi timponi l-obbligu fuq il-gudikant li joqghod f'kull kawza li tigi lilu assenjata skond il-ligi u li jastjeni jew jilqa' l-eccezzjoni tar-rikuza fil-kazijiet biss fejn ikun legalment gustifikat li huwa ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta' dik il-kawza.

Ghalhekk gudikant ghandu jastjeni biss f'dawk il-kazi fejn l-astensjoni tkun verament mehtiega fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. L-astenzjoni hi necessarja biex tassikura l-fiducja pubblika fl-amministrazzjoni tal-gustizzja u dana l-istitut m'ghandux jigi strumentalizzat biex processi jigu sabotati jew biex isir forum shopping (**E.T. Rev. Mons. Arcisqof Giuseppe Mercieca pro et noe vs Onor. Prim Ministru noe et**, Kost 22/10/1984).

**Tribunal jew Qorti imparzjali**

F'dawn il-proceduri r-rikorrent qed jallega lezjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li:

> Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma

> mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jiprovvdi li:

> Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi

**Imparzjalita soggettiva u oggettiva**

Skont gurisprudenza kemm tal-Qrati taghna kif ukoll tal-Qorti Ewropea, sabiex wiehed jitkellem dwar nuqqas ta' imparzjalita ta' gudikant irid juri li hemm nuqqas ta’ imparzjalita’ kemm suggettiva kif ukoll oggettiva.

L-awturi **Harris, O’Boyle & Warbrick** *Law of the European Convention on Human Rights* (pag 290/291 2nd Edition) jiktbu hekk fir-rigward:

> Impartiality means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test (Hauschildt v Denmark A 154 (1989)).
>
> The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.
>
> As to the subjective test, the question is whether it can be shown on the facts that a member of the court 'acted with personal bias' against the applicant (Hauschildt v Denmark). In this connection there is a presumption that a judge is impartial, 'until there is proof to the contrary' (Kyprianou v Cyprus 2005).
>
> The objective test is comparable to the English law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this context, the Court emphasizes the importance of 'appearances' (Sramek vs Austria 1984).
>
> In applying the objective test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not decisive’; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'. If there is a 'legitimate doubt' as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case (Hauschildt v Denmark).

Ghalhekk sabiex il-Qorti tiddetermina jekk id-dritt ghas-smigh xieraq gie lez, jew x'aktarx jista' jigi lez hi:

“Trid tezamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jinghad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari" (**Frans Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et**, PA Kost 01/11/1996; ara wkoll **E.T. Rev. Mons. Arcisqof Giuseppe Mercieca pro et noe vs Onor. Prim Ministru noe et**, Kost 22/10/1984).

Il-parzjalita soggettiva hija l-konvinciment partikolari tal-gudikant li jkun, mentri l-parzjalita oggettiva hija dika fejn il-gudikant ma jaghtix garanziji bizzejjed li jnehhi kull dubbju legittimu li l-konvinciment personali tieghu fil-kaz ma kienx wiehed suspett.

Li hu determinanti mhux x’jahseb jew jibza’ parti f’kawza (ghalkemm dan jista` jkun rilevanti) imma jekk dik il-biza’ jew dik il-percezzjoni hijiex imsejjsa fuq konsiderazzjonijiet oggettivi hekk li persuna ragonevoli u minghajr pregudizzji taghha tasal biex hi wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalità tal-gudikant (Ara **Lindon u ohrajn v Franza**, 2007, u **Lawrence Grech et vs Avukat Generali et**, Kost 07/03/2017).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, l-Qorti tikkunsidra li David Apap qed jilmenta li hemm parzjalita da parti tal-Magistrat sedenti u jiccita bhala fatt in sostenn tat-tezi tieghu senjatament li l-fatt li l-Magistrat kienet attiva fil-partit Laburista u sahansitra kienet Sindku tal-Kunsilli Lokali tax-Xewkija qabel il-hatra taghha bhala gudikant.

Illi kwantu ghat-test suggettiv, hu accettat fil-gurisprudenza li darba li persuna tigi mahtura bhala gudikant dik il-persuna hija prezunta li hija imparzjali sakemm jitressqu provi kuntrarji sufficjenti biex jghelbu dik il-prezunzjoni.

“Malli gudikant jiehu l-guramenti tal-ufficju tieghu/taghha, jinqata' mill-ambjent ta' politika u ta’ partiggjanizmu politiku kif jinqata' mill-isfera tad-dibattitu pubbliku. Malli gudikant jiehu l-guramenti tal-hatra, l-opinjonijiet u twemmin tieghu/taghha jigu ridimensjonati u jidhlu fl-isfera ta' opinjoni jew twemmin prettament privat u personali. Dejjem jibqa' fid-dmir li jiggudika skont il-ligi u l-fatti” (**Dr Samuel Azzopardi vs Avukat Generali et**, 04/07/2017).

Illi mill-atti ta' dina l-kawza jirrizulta li David Apap ma ressaq l-ebda prova ta' pregiudizzju soggettiv da parti tal-Magistrat ghajr ghall-konvinzjoni politika taghha. Ma hemm ebda prova ta' xi pregudizzju soggettiv jew bias kontrih da parti tal-Magistrat konsistenti f'indikazzjoni ta' xi kliem partikolari uzat minnha jew mill-komportament taghha fil-konfront tieghu.

Ghalhekk il-Qorti ma ssibx li l-parzjalita soggettiva giet ippruvata.

Fir-rigward tal-parzjalita oggettiva, it-test huwa dwar jekk hemmx ragunijiet oggettivi li f'persuna ragonevoli u imparzjali jistghu joholqu dehra ta' rabtiet bejn gudikant u parti f'kawza hekk li tiddghajjef il-fiducja fl-imparzjalità ta' dak il-gudikant.

Il-kwistjoni f'dan il-kaz hija jekk gudikant li qabel il-hatra tieghu/taghha, kien jimmilita f'partit politiku ghandux jigi fdat b'kawzi li jkollhom jew xejra politika jew jolqot parti fil-kawza b'kulur politku differenti.

L-imparzjalita oggettiva hija mehtiega sabiex jigi zgurat smigh xieraq u f'dan ir-rigward anke l-apparenzi huma importanti.

Il-kawza quddiem il-Magistrat Vella ma fiha ebda xejra politika. Il-kaz ma jittratta bl-ebda mod, politika ta' partit kontra l-politika ta' partit iehor. Li jrid jigi deciz f'dik il-kawza huwa sostanzjalment dwar akkuzi ta' uzura u theddid li jirrikjedu l-apprezzament ta' elementi guridici ben stabbiliti.

Il-kwistjoni li qed jiqajjem David Apap tirrigwarda pjuttost il-fatt li hu u l-Magistrat kienu Sindki fil-kamp poliktu oppost xi zmien qabel inhatret bhala gudikant u xejn aktar.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Lawrence Grech et vs L-Avukat Generali et (07/03/2017):

> (Mhuwiex) minnu li, ghax gudikant ighix it-twemmin tieghu "pubblikament u b'partecipazzjoni attiva", b'hekk "jinholqu cirkostanzi dubbjuzi"; gudikant

> mhux bilfors ikollu jghix it-twemmin tieghu fil-katakombi biex jitqies oggettivament imparzjali.

L-istess hsieb insibuh fis-sentenza fl-ismijiet Dr Samuel Azzopardi vs Avukat Generali et fuq imsemmija fejn inghad li:

> Illi l-espressjoni ta' twemmin jew konvinzjoni politika qabel ma persuna tinhatar bhala gudikant fiha innifisha m'ghandhiex issarraf f'sejbien ta' pregudizzju da parti tal-istess gudikant jekk wiehed jew aktar mill-partijiet li jidhru fil-kawza huma ta' twemmin politiku differenti.

David Apap isemmi ukoll li l-akkuzi kriminali kontra tieghu (dwar uzura u theddid) huwa bbazati fuq allegazzjonijiet maghmula minn certu Joseph Cutajar, l-istess persuna li ghan-nom ta' Dynamic Promotions, kien inghata l-permess li jtellgha Gozo Music Festival mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija meta l-Magistrat Vella kienet Sindku tal-istess Kunsill.

Illi fil-fehma tal-Qorti li l-permess imsemmi kien inghata mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija u mhux mis-Sindku. Inoltre dan il-permess kien suggett ghall-approvazzjoni tal-Awtoritajiet u ma hemm ebda prova li saret xi pressjoni mill-Kunsill jew mis-Sindiku biex jigi approvat dak il-permess. Fl-atti lanqas ma jirrizulta li hemm xi konnessjoni bejn il-Magistrat u dan Joseph Cutajar. Invece jirrizulta li hemm parentela bejn Cutajar u Apap kif jirrizulta mill-atti tal-proceduri kriminali. Il-Magistrat Vella ma tidhol xejn fil-kwistjoni bejn iz-zewg partijiet u m'ghandha ebda interess dwar il-mertu tal-kawza kontra Apap.

Ghahekk fil-fehma tal-Qorti ma giex muri li kien hemm xi rabtiet bejn il-gudikant u l-parti imsemmija fil-kawza hekk li tiddghajjef il-fiducja fl-imparzjalità tal-gudikant in kwistjoni.

Illi bil-fatt wahdu li l-Magistrat kienet Sindiku tal-Partit Laburista qabel il-hatra, minghajr konsiderazzjonijiet ohra oggettivi li persuna ragonevoli jista' jkollha dubji dwar l-imparzjalità tal-gudikant, ma joholoqx dubbju dwar l-integrita u l-imparzjalita taghha kif mitlub mill-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali . Inoltre jezistu garanziji bizzejjed fil-ligi u anke fir-regoli procedurali taghna, biex jizguraw li David Apap jinghata smigh xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi twiegeb ghall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi tiddikjara li l-ebda dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma gie mittiefes bic-cahda tat-talba ghar-rikuza tal-Magistrat sedenti fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs David Apap u Francis Apap.

Ghalhekk tordna lir-Registratur sabiex ighaddi lura l-atti tal-kawza lill-Qorti Referenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' tkompli tisma' l-kaz.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur